31993R0251

5.2.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 28/47

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 251/93

ta' l-4 ta' Frar 1993

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3807/92 dwar ċerti dispożizzjonijiet fis-settur taċ-ċanga wara s-sostituzzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 569/88 bir-Regolament (KEE) Nru 3002/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 125/93 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 569/88 [3], kien sostitwit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3002/92 li jistipula ir-regoli komuni dettaljati li jiverifikaw l-użu u/jew id-destinazzjoni tal-prodotti mill-intervent [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 75/93 [5], biex jiżgura li dawn ta' l-aħħar jintużaw għall-iskop imniżżel jew jintbagħtu lejn id-destinazzjoni speċifikata; billi ċerti emendi bħala konsegwenza ġew stipulati fis-settur taċ-ċanga bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3807/92 [6]; billi, b'żieda ma' dawk l-emendi, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2824/85 tad-9 t'Ottubru 1985 li jistipula regoli dettaljati għal-laħam taċ-ċanga iffriżat mingħajr għadam minn ħażniet ta' l-intervent għall-esportazzjoni [7] għandu wkoll jiġi emendat, billi huwa xieraq li dik l-emenda tiddaħħal fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3807/92;

Billi il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam taċ-Ċanga u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 3807/92 l-Artikolu 2(a) li ġej huwa mdaħħal:

"*Artikolu 2(a)*

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2824/85 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'*Artikolu 6*

Meta l-Artikolu 4 jkun applikat, l-ordni tat-tneħħija msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) u d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3002/92 kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u fejn ikun il-każ, il-kaxxa 106 tal-kopja tal-kontroll T 5, għandha turi waħda jew aktar mill-konfermi li ġejjin:

Productos de intervención sin restitución (Reglamento (CEE) nº 2824/85),

Interventionsprodukter uden restitution (forordning (EOEF) nr. 2824/85),

Interventionserzeugnisse ohne Erstattung (Verordnung (EWG) Nr. 2824/85),

Προϊόντα παρεμβάσεως χωρίς επιστροφή κανονισμός ((ΕΟΚ) αριθ. 2824/85),

Intervention products without refund ġRegulation (EEC) No 2824/85),

Produits d'intervention sans restitution (règlement (CEE) nº 2824/85),

Prodotti d'intervento senza restituzione (regolamento (CEE) n. 2824/85),

Interventieprodukten zonder restitutie (Verordening (EEG) nr. 2824/85),

Produtos de intervenção sem restituição (Regulamento (CEE) nº 2824/85).'"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Frar 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, 28.6.1968, pg. 24
[2] ĠU L 18, 27.1.1993, pg. 1
[3] ĠU L 55, 1.3.1988, pg. 1
[4] ĠU L 301, 17.10.1992, pg. 17
[5] ĠU L 11, 19.1.1993, pg. 5
[6] ĠU L 384, 30.12.1992, pg. 33
[7] ĠU L 268, 10.10.198 5, pg. 14